HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

IT-TLETTAX-IL SENA NRU. 67 | ĦAL BALZAN | APRIL-ĠUNJU 1984

EDITORJAL

Il-Festa magħna! It-tiżjin tat-toroq ewlenin tar-raħal, l-armar tal-faċċata tal-Knisja bil-lampi, it-tibjid ta' ħafna mill-faċċati tad-djar, jindikaw li l-Festa tal-Lunzjata qorbot! Fil-ġranet tal-Festa, li din is-sena jaħbtu mill-4 sat-8 ta' Lulju, wieħed iħossu kburi li huwa Balzani!

IL-PITTURA

L-Editorjal ta' din il-ħarġa tal-Festa, hu xieraq li niddedikawh għall-Pittura li kull ma jmur dejjem qiegħda ssebbaħ u tagħni l-maqdes tant għażiż għal kull Balzani. Il-ħajr tagħna jmur lil membru tal-Bord Editorjali ta' 'Hal Balzan' — is-Sur Valentino Muscat, is-Surmast, kif nafuh ir-raħal, talli għoġbu jdomm din il-kullana ta' tagħrif tant siewi għad-dokumentazzjoni ta' l-istorja tal-Knisja ta' Hal Balzan. Il-pinna tas-Sur Muscat —

'Il-jum ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju ta' din is-sena (1984) kien wieħed li tniżżel fl-istorja tat-tempju parrokkjali tagħna l-Balzanin. F'dal-jum memorabbli, grupp imdaqqas ta' rġiel mill-Każin tal-Banda San Gabriel ma' dawk li dejjem jaħdmu fil-knisja, taħt it-tmexxija għaqlija tas-Sur Nikola Borg, neħħew it-tavluni u t-travi li kien ilhom idallmu l-kappellun tar-Rużarju, għal bosta u bosta snin, billi dan l-armar kien ifixkel id-dawl li jidħol mit-tliet twieqi kbar li hemm f'dan il-kappellun, biex stajna naraw il-pittura l-ġdida fis-saqaf ta' l-imsemmi kappellun. Il-poplu Balzani ħa nifs twil ta' serħan, issa li sa fl-aħħar ra din l-opra mitmuma wara ħafna taqtigħ il-qalb.

'Il-pittura tal-kompożizzjoni ċentrali ta' dan il-kappellun hi xogħol tal-Professur Emvin Cremona, li kien lesta nofs is-suġġett tal-koppletta għall-festa ta' l-1976. Is-sena ta' wara, huwa lesta l-kumplament tal-pittura li kien għad jonqos f'din il-koppletta.

'Din il-pittura ġġibilna quddiem għajnejna l-bidu u t-tmiem tal-Fidwa tal-bniedem, f'erba' episodji f'kumpless wieħed. Fl-ewwel wieħed naraw lil Kristu għarkobbtejh joffri lilu nnifsu lill-Missier Etern biex jiġi fid-dinja u jifdi l-bniedem. Fit-tieni naraw lil Marija Santissima li nisslet lil Binha Ġesù bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu. Fit-tielet hemm is-Salib u xi nies jagħtu qima lil das-Salib tar-Redenzjoni, filwaqt li fl-aħħar episodju naraw lil Marija Santissima toffri lill-Missier Etern lil Binha Ġesù mejjet wara li temm il-Fidwa tal-Bniedem.


'Il-pittura tal-lunetti u s-sitt figuri li hemm fuq kull ġenb tat-twieqi hu xogħol il-Kavalier Pawlu Camilleri Cauchi, minn Għawdex.

I-erba' figuri fil-lunetti huma Ruth, Jahel, Sara u Rebecca, ilkoll persunaġġi nisa ta' l-Antik Testment li jiffiguraw 'l Madonna. Imbagħad hemm sitt profeti. Fuq iż-żewġ naħat tat-tieqa ta' fuq il-bieb hemm Osea u Zakkarija. Fuq dawk ta' l-artal tar-Rużarju nsibu lil Danjiel u Eżekjiel; u fuq dawk ta' l-artal ta' San Mikiel naraw lil Ġona u Sofonija. (Fil-ħarġa li jmiss jingħata tagħrif Bibbliku dwar ir-relazzjoni ta' dawn il-persunaġġi mal-Madonna).

'Lil dawn iż-żewġ artisti nagħtuhom it-tifħir li jistħoqqilhom għall-kumpless sabiħ li tawna bil-pittura tagħhom. Lil Dun Tarcisio Delicata, il-kappillan żagħżugħ ħabrieki tagħna nagħtuh ukoll it-tifħir li jistħoqqlu u nirringrazzjawh minn qalbna talli f'qasir żmien ħabrek biex jitkompla x-xogħol ta' dil-pittura f'dan il-kappellun. Lil Mons. Dun Karm Sciberras, l-ex-kappllan, u lill-kumitat li kien jeżisti dak iż-żmien ukoll jistħoqqilhom it-tifħir u r-ringrazzjamenti tagħna. Fl-aħħar ir-ringrazzjamenti tagħna jmorru lis-Sur Valentino Chetcuti, is-Sagristan, u lis-Sur Ġorġ Muscat taxxogħol tagħhom kollu li għamlu bħala preparazzjoni għal din il-pittura.

'Ix-xogħol biss ta' din il-pittura sewa 4,500 lira Maltija li ġa tħallsu, frott tal-ħidma għaqlija tal-Mons. Dun Karm Sciberras, li ħalla l-biċċa l-kbira tal-fondi għaliha, kif ukoll xi libretti tad-deheb għall-indoratura ta' l-istess kappellun, flimkien ma' donazzjoni ta' 400 lira, mogħtija lil Dun Tarċis. Ħajr lil Alla u lil Ommna Marija Annunzjata ta' din l-opra hekk sabiħa.'

Minn qalbna nixtiequ l-Festa it-tajba lill-Balzanin kollha.



Il-mument tant mistenni minn kull Balzani. L-istatwa devota ta' Marija Annunzjata ħierġa tbierek it-toroq tar-raħal sabiħ ta' Hal Balzan.

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F'GIEH MARIJA ANNUNZJATA PATRUNA TA' HAL BALZAN

MILL-1 SAT-8 TA' LULJU 1984

PROGRAMM

IL-ĦADD 1 TA' LULJU
6.30 p.m. Ħrug ta' l-Istatwa min-niċċa għall-qima fil-knisja. Salut mill-Kumpanija tan-Nar.

IT-TNEJN 2 TA' LULJU
6.30 p.m. Quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa.

IT-TLIETA 3 TA' LULJU
6.30 p.m. Quddiesa Folk għaż-żgħażagħ tal-Parroċċa.

L-ERBGĦA 4 TA' LULJU
L-EWWEL JUM TAT-TRIDU
6.00 p.m. Rużarju meditat u bil-kant.
6.30 p.m. Quddiesa bil-kant u priedka tat-Tridu mill-Provinċjal Patri Gwido Schembri O.F.M., Kurunella, Innu, Litanija, Antifona, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-mużika. Il-funzjoni tagħlaq bilkant ta' l-Innu Popolari lil Marija Annunzjata, versi tal-Balzani Ġorġ Borg u mużika ta' Mro. Patri Albert Borg O.S.A.

IL-ĦAMIS 5 TA' LULJU
IT-TIENI JUM TAT-TRIDU
7.15 a.m. Quddiesa Kantata.
Kollox bħall-ewwel jum.

IL-ĠIMGĦA 6 TA' LULJU
IT-TIELET JUM TAT-TRIDU
Kollox bħall-jumejn ta' qabel.
8.00 p.m. Il-Baned "St. Gabriel" tal-Parroċċa u "Duke of Connaught" ta' B'Kara jagħmlu marċi mat-toroq tal-Parroċċa. Mixegħla ġenerali.

● għal paġna 3

SALVU BRINCAT

IRONMONGERY AND ELECTRICAL GOODS

175, MAIN STREET, BALZAN

JOHN SCIBERRAS TAILORING

ta'
77, NAXXAR ROAD, B'KARA
issa jinsab
f'73, MAIN STREET, BALZAN
ma' ġenb il-Balzan Football Club. Minn barra l-ħjata ssibu wkoll Bazaar u ħwejjeġ ta' rġiel. Miftuħ il-ġimgħa kollha barra l-Ħadd.
Tel: 42482

"HAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Hal Balzan.

Stampat fil-Lux Press Hamrun.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Bdew il-Hajja Nisranija
Stephen Abela
Mark Said
Matthew Saviour Felice Pace
Katrina Gaspar
Donna Marie Vella
Clayton John Doublet
Fabio Saliba
Charisse Cuschieri
Lara Zammit
Clarissa Degiorgio
Marie Antoinette Muscat
Jessica Karen Casha
Glenn Tabone
Adrian Lanzon
Joseph John Azzopardi
Francesca Vella
Paul Spiteri
Christine Pisani
Matthew Gruppetta
Fleur Fenech

Iffurmaw Familji Ġodda
Peter Attard ma' Patrizja Debono
Ciro Bibiano ma' Monica Azzopardi
Noel-Paul Cassar ma' Anna-Maria Said
Ivor David McCann ma' Rita Amalia Woodhouse Scicluna
Raymond Cremona ma' Simone Senter

Għaddew għall-Hajja bla Tmiem
Angelo Vassallo
Tarcisio Macelli
Dolores Camilleri
Angelo Dingli
Dominic Borg
Godfrey Craig
Edwige Portelli



PROFILI BALZANIN

GUIDO BORG

Guido Borg twieled Hal Balzan fit-30 ta' Marzu, 1944 minn Ġużeppi u Ġużeppa neè Muscat. Huwa studja fl-iskola primarja ta' Hal Balzan u Hal Lija, fil-Liċeo, f'St. Michael Training College u fl-Università ta' Malta fejn iggradwa fil-Baċellerat ta' l-Arti fl-Istorja u fil-Malti.

Fl-1962, insibu lil Guido attiv bħala President fiċ-Circolo ta' l-Azzjoni Kattolika (Ġuvintur) ta' Hal Balzan. Kien f'dan iż-żmien li flimkien mal-Kappian Sciberras beda jorganizza l-Balzan Soireè. Fl-1966 ġie magħżul membru fil-Kunsill Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika u bejn l-1968-70 kien Viċi-President tal-Kunsill Ċentrali ta' l-istudenti tas-Saint Michael Training College.

Fl-1967, meta kien Viċi-President fil-Każin tal-Banda San Gabriel ippropona li għandu jitwaqqaf il-Kumitat Ċiviku f'Hal Balzan — kien wieħed mill-fundaturi tiegħu kif ukoll l-ewwel segretarju ta' l-istess Kumitat sa l-1972.

Fl-1970, mill-istess Kumitat Ċiviku ippropona li għandha tibda tiġi ippubblikata l-gazzetta "Hal Balzan" u waqqaf l-ewwel Bord Editorjali tagħha. L-ewwel ħarġa ġiet ippubblikata fl-1971. Kiteb xi artikli u poeżiji kif ukoll ippropona li għandha tinkiteb is-sensiela Profili Balzanin u kiteb xi wħud minnhom. Fl-1975, ġie elett Segretarju tal-Każin tal-Banda San Gabriel — kariga li għadu jokkupa sal-lum. F'din is-soċjetà huwa ippropona u organizza flimkien ma' oħrajn attivitajiet ġodda kif ukoll waqqaf l-ewwel Kumitat tan-Nisa.

Guido kien attiv ukoll mal-Kumpanija Balzan Stage Amateurs kif ukoll għamel xi żmien segretarju tal-Kumitat tal-Pittura.

Uħud mix-xewqat tiegħu huma li jibqa' jara l-Każin tal-Banda San Gabriel miexi 'l quddiem kif ukoll li jikteb dwar l-esperjenza ta' nies Balzanin fit-tieni gwerra dinjija.

Guido żżewweġ lil Jane neè Calleja fl-1974 u għandu żewġt itfal — Fleur u Christine.



PROFILI BALZANIN

VALENTINO AZZOPARDI

Is-Sur Valentino Azzopardi twieled fit-8 ta' Marzu 1929 minn Saverio u Ġużeppa Dingli. Huwa l-ħames wieħed fost seba' aħwa, ħamsa subien u żewġt ibniet. Huwa kien imur l-iskola tat-tlett irħula Attard, Balzan u Lija. Fil-kors tat-tagħlim tiegħu sab diffikultajiet ftit li xejn vantaġġużi għalih, billi kienet faqqgħet it-tieni gwerra dinjija ta' l-1940-1945 meta ż-żewġ skejjel ittieħdu għal skopijiet ferm aktar meħtieġa għal dak iż-żmien.

L-iskola tas-subien għamlet xi żmien bir-refuġjati. Dik tal-bniet kien fiha l-uffiċċju tal-Protection ta' Hal Balzan u Hal Lija,, l-uffiċċju tax-xelters u l-Berġa. Aktar tard din serviet ukoll bħala Qorti Ċivili. Fiż-żmien li qegħdin insemmu t-tagħlim tat-tfal kien ikun fid-djar privati ta' l-għalliema tagħhom imfixkel bosta u bosta drabi mill-ajru. Għal din ir-raġuni is-Sur Valentino Azzopardi ma tantx mexa 'l quddiem fit-tagħlim tiegħu. Billi dehret fih l-inklinazzjoni għas-sengħa ta' mastrudaxxa nsibuh f'età bikirja bħala apprentista fil-ħanut ta' l-imgħallem is-Sur Carmelo Azzopardi li l-lum jinsab fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Wara mbagħad Valent mar jaħdem mad-ditta Gio Batta Delia ta' l-għamara fl-imħażen ta' tax-Xbiex. Dam jaħdem ma' din id-ditta għal sittax-il sena fejn tkisser sewwa fis-sengħa ta' l-għamara. Wara dawn is-snin, ħalla din id-ditta u sab xogħol ma' ditta oħra, din id-darba tas-Sur Victor Brincat ta' Triq Naxxar f'Birkirkara. Dam jaħdem ma' din it-tieni ditta sakemm deherlu li jkun aħjar għalih li jibda jaħdem għal rasu u fetaħ ħanut fi Triq id-Dritta Hal Balzan fil-garaxx li huwa parti mill-Każin tal-Banda San Gabriel fejn għadu sal-lum u minn taħt idejh joħorġu settijiet ta' għamara tassew sbieħ.

Bħala Balzani lil Valent insibuh jinteressa ruħu f'dak li huwa ta' ġid għal raħal twelidu. Ta' età tassew żgħira kien membru tal-Każin tal-Banda San Gabriel fejn għamel żmien bħala membru tal-Kumitat. Il-festa tar-raħal dejjem kienet għal qalbu u Valent hu aktar interessat f'dak li huwa logħob tan-nar li jsir għall-festa tal-Padruna tagħna Marija Annunzjata. Minn meta kien għadu ta' età żgħira beda jinteressa ruħu f'dan ix-xogħol u l-lum il-ġurnata n-nar kollu li jsir fil-festa tagħna, sew dak ta' l-ajru u sew dak ta' l-art ta' lejlet il-festa, kollu jsir bil-ħila tiegħu megħjun minn diversi dilettanti Balzanin. Il-ħajra għal dan ix-xogħol tnisslet fih meta kien għad kellu sbatax-il sena. Huwa kien imħajjar għal dan ms-Sur Luigi Ebejer, dak iż-żmien is-Segretarju tal-Każin imsemmi, mis-Sur Gabriel Caruana, illum President ta' l-istess każin u flimkien ma' dan ta' l-aħħar u ma' Gabriel Muscat, li llum jinsab il-Kanada, u ma' Pietru Borg bdew jaħdmu xi ħaġa tan-nar għall-festa tagħna.

Dak iż-żmien ma kellhomx kamra tan-nar. Meta saru jagħmlu x-xogħol sewwa kienu jmorru jaħdmu n-nar fil-kamra tal-mejjet is-Sur Mikiel Balzan. Għall-ħabta ta' l-1963 is-Sur Ġużeppi Scicluna bnielhom kamra tan-nar fl-Iklin, limiti ta' B'Kara, u tawha l-isem ta' St. Gabriel Fireworks Factory. Issa li kellhom post fejn jaħdmu Valent u sħabu żiedu ħafna fil-kwantità tal-logħob tan-nar għall-festa titulari, biex jilħqu dan il-għan Valent u sħabu kienu jagħmlu xogħlijiet għal postijiet barra mir-raħal. Il-flus li kienu jdaħħlu flok kienu jixħtuhom fi bwiethom, kienu jżiduhom mal-fondi li kienu jinġabru għan-nar tal-festa. Uħud mill-postijiet li kienu u għadhom jaħdmulhom in-nar huma iż-żewġ parroċċi tal-Hamrun, iż-żewġ parroċċi tal-Marsa, għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu u dik ta' San Duminku, it-in tal-Belt Valletta, ta' Stella Maris tas-Sliema, San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa, Burmarrad, il-Bidnija, l-Isla u anke s-Sannat, Għawdex.

Bis-saħħa ta' dawn ix-xogħlijiet, barra milli kabbru n-nar tal-festa ħasbu wkoll jixtru l-kamra minn għand is-Sur Scicluna. Dan ġara fis-sena 1971. Kien kollu bl-għaqal ta' Valent u sħabu li sar dan kollu għall-ġid tal-festa tagħna ta' Marija Annunzjata. Valent huwa għalhekk il-factotum tan-nar kollu li jsir għall-festa tar-raħal tagħna.

VALENTINO MUSCAT

BALZAN BUTCHER SHOP
(FALZON BROS.)
107, MAIN STREET, BALZAN

Ittri lill-Editur

ISMIJIET TA' TOROQ GODDA F'HAL BALZAN

Sur Editur,

Irċevejt ittra bid-data tat-12 t'April mingħand is-Sur Camillo Tortell (ta' 107, Valley Road, Birkirkara) li fiha, filwaqt li wera l-apprezzament tiegħu għall-artiklu tiegħi "Ismijiet ta' toroq ġodda f'Hal Balzan" (*Hal Balzan* Nru. 66, Jannar/Marzu 1984) għoġbu jissuġġerixxi bniedem prominenti ieħor li huwa jħoss li jixraqlu li tissemma triq għalih. Dan huwa l-Perit Filippu Tortell, missier is-Sur Camillo. Għalkemm il-Perit Tortell m'huwiex Balzani, għadda għoxrin sena sħaħ f'Hal Balzan, mill-1914 sal-1934, u kiseb ċerta popolarità minħabba l-professjoni tiegħu u x-xogħlijiet li ħalla warajh.

Fost ix-xogħlijiet tal-Perit Filippu Tortell fir-raħal tagħna, is-Sur Camillo semmielna l-villa ta' l-Avukat Buttigieg, li llum iġġib in-numru 43 Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq San Franġisk; il-villa sabiħa li tmiss mal-Museum tas-Subien fi Triq it-Tliet Knejjes u li dari kienet magħrufa bħala Villa Bianchi; Villino Concetta fi Triq Idmejda, li fih saru xi alterazzjonijiet u żjidiet fuq in-naħa ta' Triq Sisner; u dar sabiħa bil-kolonni li ġġib in-numru 14A fl-istess Triq Idmejda. Għamel ukoll xi xogħlijiet f'Villa Madama ħdejn San Anton.

Is-Sur Tortelli kompla l-ittra tiegħu hekk: "Minbarra dan ix-xogħol, wieħed irid isemmi wkoll ħafna xogħlijiet oħra li jirrikjedu l-firma ta' perit, fosthom li kien jagħti b'xejn ta' kull sena l-permess ta' l-armar tal-festa tal-Lunzjata, u ħafna okkażjonijiet oħra fejn hija rikjesta l-firma tal-perit.

"Ta' min isemmi wkoll illi minħabba l-professjoni tiegħu dan il-perit kien isib xogħol għal xi Balzanin bħal, ngħidu aħna, lil mastrudaxxi bħal Wiġi Pirotta xogħol ta' aperturi, mgħallmin tal-ġebel bħal Piju Ebejer, u xogħol ta' ħadid bħal Mattew il-ħaddied. Dan il-persunaġġ kien membru fil-każin ta' isfel, 'Maria Annunziata Club'."

Hassejt, sur Editur, li din l-ittra tas-Sur Tortelli għandha titwassal lill-qarrejja tagħna għax, barra li titfa' dawl storiku fuq xi bini sabiħ fir-raħal tagħna, tagħtina wkoll tagħrif siewi fuq il-Perit Filippu Tortelli li jixraqlu li jkun inkluż fil-lista ta' dawk li ssuġġerejt jien fl-artiklu tiegħi biex tissemma triq għalihom f'Hal Balzan.

Għoddni tiegħek,
C. Bezzina

● minn paġna 1

IS-SIBT 7 TA' LULJU

LEJLET IL-FESTA

7.30 a.m. Quddiesa bil-mużika, bil-Malti, Te Deum tat-Tridu u Antifona.

4.30 p.m. 'il quddiem ikun hawn konfessuri barranin għall-irġiel u n-nisa.

6.30 p.m. Traslazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna; quddiesa bil-mużika u ċelebrazzjoni Ewkaristika. Jiċċelebra Rev.mu Mons. Adolf Agius B.A., D.D.

8.00 p.m. Il-Banda "St. Gabriel" tagħmel marċ, imbagħad tesegwixxi programm fuq iz-zuntier tal-knisja, taħt it-tmexxija ta' Mro. Clemente Sciberras, A.Mus. L.C.M. (Lond.). Il-programm jispiċċa bl-esekuzzjoni ta' l-"Innu lil Marija Annunzjata", versi ta' Dun Frans Camilleri, mużika ta' Rev.mu Mons. Kav. Carmelo Scerri. Ikanta t-tenur Andrew Sapiano flimkien mal-kor 'Pax Christi' tal-Għargħur, immexxi minn Dun Karm Bezzina.

8.00 p.m. Il-Banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa ddoqq marċi, imbagħad tesegwixxi programm fi Pjazza Balzan.

10.30 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar mid-dilettanti Balzanin.

IL-HADD 8 TA' LULJU

JUM IL-FESTA

Quddiesa bil-kant u Omelija: 6.00, 7.30, 8.30 u 11.30 a.m.

9.15 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Pontifikali solenni bil-mużika li fiha jikkonċelebraw il-qassisin tal-parroċċa u s-saċerdoti kollha li ħarġu mill-parroċċa. Imexxi l-Konċelebrazzjoni r-Rev.mu Mons. Adolf Agius. Wara l-Vanġelu paneġierku mill-W.R. Mons. Bartolomew Bezzina. Wara l-quddiesa jsir il-bews tar-relikwija tal-Madonna.

10.00 a.m. Marċi mill-Banda "Duke of Connaught" ta' B'Kara.

5.30 p.m. Marċi mill-banda "King's Own" u programm mużikali fuq iz-zunter tal-knisja. Fil-ħruġ tal-purċissjoni t-tenur Andrew Sapiano jkanta l-Ave Marija akkumpanjat mill-istess Banda.

5.30 p.m. Marċi mill-Banda "Santa Katerina" taż-Żurrieq, u programm fi Pjazza Balzan.

5.30 p.m. Quddiesa letta.

6.30 p.m. Għasar bil-mużika. Purċissjoni bl-istatwa artistika u devota ta' Marija Annunzjata u r-relikwija tal-Madonna. Imexxi l-istess Mons. Adolf Agius. Mad-dħul tal-Purċissjoni Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Matul il-Purċissjoni u wara, murtali tal-Kulur u kaxxa nfernali mid-dilettanti Balzanin.

Wara l-Benedizzjoni ħruq ta' nar ta' l-art fit-Triq Ġużè Bonnici.

Wara l-Benedizzjoni marċ ta' għeluq il-Festa mill-Banda "St. Gabriel".

* * *

It-Tnejn, 9 ta' Lulju fis-6.30 p.m.: quddiesa għall-Benefatturi tal-festa ħajjin u mejtin.

* * *

Il-mużika tat-Tridu u tal-Festa tkun tas-surmastrijiet Paolo u Antonio Nani, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Gatt.

* * *

Il-Kappillan u s-saċerdoti jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lin-nies tal-Parroċċa kollha. Jixtiequ li l-Festa ta' Marija Annunzjata tkun okkażjoni biex niffrħu flimkien b'sentimenti ta' ħbiberija u mħabba lejn kulħadd. Ifakkru li l-isbaħ mod kif niċċelebraw il-Festa huwa li nassistu għall-Quddiesa, nersqu lejn is-Sagrament tal-Qrar u nieħdu sehem fl-Ewkaristija.

ROSE'S UNISEX

AT

120, MAIN STREET, BALZAN

For PERMS, SETTING, HAIRSETS, SHAMPOOING, DYEING, etc.

Open daily from 9.30 a.m. to 12.30 p.m. and from 2.30 p.m. to 6.00 p.m.

Closed on Mondays

HAL BALZAN FI ZMIEN IL-FRANCIZI 1798 – 1800

Inkomplu l-ħarsa tagħna lejn il-Parroċċa ta' Ħal Balzan fi żmien il-Franċiżi billi naraw il-ħidmiet u s-snajja' li minnhom kienu jaqilgħu ħobżhom in-nies ta' dan ir-raħal.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

Tiftix u kitba ta'

DUN ĠWANN DIMECH

Neguzjant fil-qoton

Ġużeppi Borg ta' 31 sena u l-mara tiegħu Marija ta' 30.

Karlu Sammut ta' 22 sena u l-mara Grazzja ta' 36 sena.

Jaħdmu fil-qoton

Pawla Grech ta' 43 sena.

Nazju Micallef ta' 24 u l-mara Annunzjata ta' 23.

Franġisku Grech ta' 39 sena.

Gio Maria Azzopardi ta' 47 sena.

Ġanni Azzopardi ta' 44 sena.

Ġużeppi Borg ta' 45 sena u l-mara Marija ta' 51 sena.

Lorenzo Zarb ta' 27 sena u l-mara Marija ta' 26 sena.

Ġużeppi Attard ta' 51 u l-mara Margerita ta' 49 sena u wliedhom:

Salvu ta' 29, Orsla ta' 28, Marija ta' 20, Karlu ta' 17 u Lonza ta' 14.

Ġanni Zarb ta' 25 u l-mara Tereża ta' 29 sena.

Xmun Zammit ta' 41 sena u l-mara Marija.

Vittorja Muscat ta' 62 sena.

Anġlu Borg ta' 34 sena u l-mara Tereża ta' 40 sena.

Jinsġu l-qoton

Anna Farrugia ta' 41 sena armla.

Duminka Sammut ta' 52 sena armla.

Giovanna Micallef ta' 75 sena armla u binha Mikiel ta' 30 sena.

Grazzja Micallef ta' 59 sena armla.

Marija Fenech ta' 68 sena.

Beneditta Fenech ta' 19-il sena.

Pietru Zarb ta' 45 sena u l-mara Marija ta' 44 sena.

Marija Muscat ta' 56 sena u oħtha Duminka ta' 44 sena.

Gianni Fenech ta' 62 sena u l-mara Anna ta' 54 sena.

Katarina Catania ta' 54 sena.

Marija Borg ta' 70 sena armla.

Marija Dingli ta' 36 sena.

Grazzja Sammut ta' 66 sena armla.

Anġla Vassallo ta' 73 sena.

Pawla Zammit ta' 45 sena.

Franġisku Borg ta' 59 sena u l-mara Marija ta' 57 sena.

Anna Gafà ta' 75 sena.

Anna Zammit ta' 85 sena armla u binha Mattew ta' 42 sena.

Anna Chetcuti ta' 41 sena.

Klara Attard ta' 43 sena.

Marija Grima ta' 86 sena.

Marija Fenech ta' 43 sena armla.

Roża Mifsud ta' 60 sena armla.

Margerita Vassallo ta' 67 sena, oħtha Marija ta' 59 u n-neputija Katerina ta' 38 sena.

Marija Pisani ta' 48 sena.

Kristina Seychell ta' 46 sena.

Xogħlijiet differenti

Dawn li ġejjin għandhom *xogħlijiet differenti.*

Indrì Attard ta' 65 sena ġardinar, il-mara Marija ta' 63 sena u binthom Margerita ta' 19-il sena jinsġu.

Pawlu Ebejer ta' 32 sena, suldat fil-Palazz, u l-mara Annunzjata ta' 27 sena tinseġ.

Marija Cassar ta' 53 sena, armla tinseġ, u binha Wenzu ta' 14-il sena skarpan.

Ġanni Cassar ta' 63 sena tallab, u l-mara Pawla ta' 58 sena tinseġ.

Anġlu Aquilina ta' 33 sena baħri, u l-mara Palma ta' 36 sena tinseġ.

Indrì Magri ta' 35 sena, suldat fuq ix-xwieni, u l-mara Vittorja ta' 41 sena tinseġ.

Salvu Falzon ta' 61 sena bidwi, u bintu Katerina ta' 23 sena tinseġ.

Ġo Marija Grech ta' 31 sena bidwi, il-mara Margerita ta' 43 sena u binthom Marija ta' 18-il sena jinsġu.

Marjanu Zammit ta' 76 sena tallab, u martu Elizabbetta ta' 68 tinseġ.

Grazzja Micallef ta' 56 sena tinseġ u binha Mikiel ta' 21 sena bidwi.

Feliċ Cauchi ta' 27 sena, suldat fil-Palazz, u martu Tereża ta' 28 sena tinseġ.

Pawlu Muscat ta' 62 sena bidwi, martu Katerina ta' 53 u wliedhom Lonzu ta' 40 u Mikiel ta' 38 sena jinsġu.

Pietru Camilleri ta' 52 sena bidwi u martu Marija ta' 48 tinseġ.

Wenzu Muscat ta' 42 sena bidwi, martu Marija ta' 43 sena tinseġ u binhom Toni ta' 18-il sena bidwi.

Ġużeppi Pace ta' 42 sena jaħdem fil-ġebel, martu Grazzja ta' 42 tinseġ u binhom Salvu ta' 15-il sena jaħdem fil-ġebel.

Salvu Pirotta ta' 45 sena, jaħdem fil-ġebel, u martu Evanġelista ta' 45 tinseġ.

Maddalena Attard ta' 86 sena armla tinseġ, u binha Xmun ta' 42 bidwi.

Salvu Saliba ta' 43 sena bidwi, u martu Vinċenza ta' 34 tinseġ.

Mikiel Borg ta' 34 sena, jaħdem fil-ġebel, u martu Katerina ta' 30 tinseġ.

Kustanz Genuis ta' 47 sena skarpan, martu Grazzja ta' 53 tinseġ u wliedhom Salvu ta' 24 u Ġużeppi ta' 23, suldati fil-Kwartier.

Xmun Muscat ta' 36 sena, jaħdem fil-ġebel, u martu Filippa ta' 33 tinseġ.

Ġużeppi Debono ta' 48 sena ġardinar, u martu Marija ta' 38 tinseġ.

Ġo Marija Dingli ta' 38 sena bidwi, u martu Ġanna ta' 37 tinseġ.

Ġużeppi Micallef ta' 48 sena bidwi, u martu Marija ta' 39 tinseġ.

Saver Vassallo ta' 53 sena naġġar, u martu Saverja ta' 44 tinseġ.

Grazzju Zarb ta' 53 sena jaħdem fil-ġebel, u martu Anna ta' 58 tinseġ.

Indrì Mifsud ta' 33 sena jaħdem fil-ġebel, u martu Evanġelista ta' 35 sena tinseġ.

Pietru Muscat ta' 43 sena bidwi, u martu Katerina ta' 30 sena tinseġ.

Marija Fenech ta' 56 sena

● għal paġna 4

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADDED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM

VITAFOAM LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)

Telephone: 36275/76

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

(ikompli minn paġna 3)

armla tinseġ, u binha Salvu ta' 26 sena suldat fuq ix-xwieni.

Anton Muscat ta' 56 sena bidwi, martu Roża ta' 24 sena tinseġ u binhom Ġo Marija ta' 17-il sena bidwi.

Onorat Sammut ta' 56 sena skarpan, martu Ewfemja ta' 45 sena tinseġ u binhom Ġużeppi ta' 18-il sena skarpan.

Nazju Muscat ta' 23 sena bidwi, u martu Marija ta' 24 sena tinseġ.

Anġlu Grixti ta' 44 sena naġġar tal-ġebel u martu Pawla ta' 35 tinseġ.

Wenzu Gauci ta' 36 sena bidwi, u martu Sapjenza ta' 37 tinseġ.

Vittorja Bonanno ta' 46 sena armla, u binha Ġanni ta' 17 bdiewa.

Bdiewa

Lonzu Dingli ta' 30 sena.

Ġużeppi Azzopardi ta' 43 sena.

Nazju Bonnici ta' 27 sena.

Ġużeppi Muscat ta' 61 sena.

Bertu Azzopardi ta' 56 sena.

Toni Zarb ta' 57 sena.

Tumas Falzon ta' 68 sena.

Mikiel Falzon ta' 57 sena.

Ġużeppi Debono ta' 32 sena.

Pawlu Mallia ta' 47 sena.

Pawlu Mallia ta' 50 sena.

Mikiel Muscat ta' 29 sena.

Orazju Debono ta' 51 sena.

Ġużeppi Azzopardi ta' 27 sena.

Ġużeppi Falzon ta' 28 sena.

Franġisku Galea ta' 67 sena.

Wenzu Falzon ta' 22 sena.

Pawlu Falzon ta' 64 sena.

Franġisku Magri ta' 69 sena.

Wenzu Falzon ta' 43 sena u martu Marija ta' 43 sena.

Ġo Battista Schembri ta' 22 sena.

Salvu Borg ta' 44 sena.

Toni Fenech ta' 67 sena, martu Marija ta' 65, u binhom Indrì ta' 26 sena.

Franġisku Falzon ta' 69 u martu Anna ta' 44 sena.

Xogħlijiet differenti

Ġużeppi Pace ta' 67 sena ġardinar.

Salvu Muscat ta' 53 sena jieħu ħsieb ir-raba' tiegħu.

Salvu Grech ta' 21 sena ġardinar.

Franġisku Parnis ta' 47 sena ġardinar.

Ġużeppi Muscat ta' 53 sena bidwi.

Saver Schembri ta' 22 sena jaħdem fil-ġebel.

Indrì Dingli ta' 30 sena jaħdem fil-ġebel.

Ġużeppi Calleja ta' 19-il sena bidwi.

Indrì Bezzina ta' 31 sena bidwi u ħajjat.

Ġużeppi Zimech ta' 72 sena jgħix billi jbigħ xi proprjetà.

Pawla Debono ta' 55 sena ħajjata.

Ġo Marija Sammut ta' 29 żebbiegħ.

Filippu Calleja ta' 53 sena żebbiegħ.

Marija Gatt at' 58 sena fqira, uliedha Nazju ta' 25 sena sagristan fil-Knisja Parrokkjali, u Ġużeppi ta' 23 sena suldat fuq ix-xwieni u ħajjat.

Mikiel Borg ta' 66 sena tallab.

Marija Ebejer ta' 54 sena tallaba.

Luqa Zammit ta' 57 sena kuċċier tal-kalessi u tal-karettuni.

Ġanni Stivala ta' 28 sena bil-ħanut.

Ġo Marija Falzon ta' 29 sena furnar.

Ġanni Said ta' 23 sena kuċċier tal-kalessi u tal-karettuni.

Ġo Marija Said ta' 65 sena kuċċier.

Saver Grech ta' 43 sena bil-ħanut u martu Duminka ta' 41 tinseġ.

Bonaventura Giove ta' 58 tgħix b'dak li għandha u b'xi xogħol.

Roża Muscat ta' 83 sena tgħix b'dak li għandha.

Ġużeppi Stivala ta' 53 sena bil-ħanut.

Pawla Borg ta' 37 sena armla bil-ħanut.

Roża Farrugia ta' 67 sena tinseġ.

Ġo Pawlu Muscat ta' 46 sena kuċċier u martu Pawla ta' 43 sena tinseġ.

Ġużeppi Bonello ta' 40 sena jbigħ il-ħobż u martu Grazzja ta' 40 tinseġ.

Anġlu Borg ta' 37 sena jaħdem fil-forn tal-Belt Valletta u martu Grazzja ta' 40 sena tinseġ.

Katerina Borg ta' 76 sena armla fqira

Marija Borg ta' 84 sena tallaba.

Minn din il-lista għandna kwadru ta' dak li kienu jagħmlu bħala xogħol x'uħud mill-irġiel u min-nisa ta' Hal Balzan. Naraw kemm kien hawn li jaħdmu fil-qoton, fil-ġebel, ġardinara u bdiewa. Kemm kien hawn li x-xogħol tagħhom kien fuq ix-xwieni u barra mir-raħal. Kemm kien hawn nies tas-sengħa u kemm kien hawn bil-ħwienet. Kif ukoll kemm kien hawn sinjuri u oħrajn fil-bżonn. B'hekk jista' jkollna quddiem għajnejna l-qagħda soċjali fis-sena 1798.(1)

(1) Arkiv. Parr. Status Animarum.

JIEN U INT

Fuq blata waħdi,
kollox ħiemed
għajr it-tbandil
tal-ward tal-oleandru
maż-żiffa sajfija.
L-għasafar tal-bejt
igħannu
l-għanja ta' nżul ix-xemx.
Il-ħmura dehbija
tlewwen kull ma jaqa' taħtha.
Harsti waqgħet fuq baħar żgħieġ
imċappas bi tbajja ħomor
li jinbidlu ma' rqajja ta' fidda
li jlellxu
ma' kull mewġa ta' qamħ dehbieni.
L-ebda pittur ma rnexxielu
ipinġi dawn l-ilwien.
L-ebda kompożitur ma wasal
għal mużika tant melliesa.
L-ebda poeta ma poġġa fuq il-karta
tant ħlewwa, lwien u noti.
Kollox ħlaqt perfett Mulej.
Kollox ħlaqt għalija Mulej.
Kollox.
Kollox.
U jien!
X'tajtek Mulej ta' dan kollu?
X'tajtek għal tant imħabba Mulej?
Xejn.
Għajr talbiet kontinwi
ta' maħfra,
maħfra,
u maħfra ta' nuqqasijieti.

MICALLEF J.

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben
IRRIKORRU GĦAND **SKARPOLI**
TA' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN
Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.
Hinijiet tax-xogħol:
Mit18.30 a.m. sa nofs in-nhar p
mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Niftakarni meta kont żgħir noħroġ nilgħab ma' tfal ta' mpari fit-triq tagħna. Konna ninġabru għadd sabiħ ta' tfal, subien u bniet; il-bniet jinġabru għalihom jilagħbu ż-żibeġ jew 'tal-mamà', jew jaqbżu l-ħabel, u aħna s-subien ninġabru għalina nagħmlu xi logħba futbol, jew nilagħbu l-boċċi, jew narmaw il-knisja meta tkun qorbot il-festa. Meta tfarfarna bdejna narmaw xi karretta jew xi 'bicycle' biex noħorġu nduru bihom. Għax, ta' tfal li konna, kellna d-delizzji u l-passatempi tagħna. Dak iż-żmien, 'television' ma kellniex, u lanqas ma kellna l-logħob sabiħ elettroniku li għandkom intom illum.

Illum ukoll, b'danakollu, minkejja li intom it-tfal għandkom ħafna fiex tedhew, naf ħafna minnkom li ma telqux għal kollox il-'hobbies' tagħhom. U din hija ħaġa ta' min ifaħħarha. Tħallux it-TV u l-'computer' joħdulkom il-ħin liberu kollu tagħkom, għax flok iservukom ta' mistrieħ wara l-'homework' u l-istudji tagħkom, jagħmlukom ilsiera tagħhom u aktar igħajjukom. Nieħu pjaċir ħafna meta nara tfal li għadhom dilettanti tal-knisja, li għadhom iġemmgħu s-santi, il-bolol, il-'cuttings' mill-gazzetti u r-rivisti, li għadhom dilettanti ta' l-arkett, tat-trobbija tal-għasafar, u tal-ħut, tal-ħjata u l-'crochet', tat-tpinġija, tal-mużika — dawn huma kollha passatempi li jgħinuna niżviluppaw fina ħafna kapaċitajiet. Insiru aktar krejattivi u nieħdu interess akbar fil-ħajja u f'dak kollu li naraw jiġri madwarna.

Tfal, issa li ġej is-sajf u jkollkom dawk ix-xahrejn vaganzi, qisu li tgħadduhom tajjeb. Apparti d-doveri tagħkom — il-quddiesa u d-duttrina ta' kuljum, xi ftit qari u għajnuna fid-dar — ħallukom mill-ħafna ġiri barra. It-tfal li dejjem tarahom barra ssibhom dejjem maħmuġin u traskurati, fir-ruħ u fil-ġisem. Nissuġġerilkom ħafna li taqbdu xi delizzju sabiħ li jżommkom okkupati u fl-istess ħin igħinkom biex titgħallmu u ssiru tafu affarijiet ġodda. Nixtiqilkom ilkoll vaganzi sbieħ, mimlija b'kull ġid.

KOMPETIZZJONI BI PREMJU

Tfal,

Il-ħarġa tal-gazzetta t'April, Mejju u Ġunju hija dik li taħbat qrib il-festa tal-Parroċċa tagħna, jiġifieri l-festa tat-THABBIRA TAL-MULEJ — L-ANNUNZJATA. Għalhekk tkun ħaġa xierqa li l-kompetizzjoni li jmiss għalikom ikollha x'taqsam mal-MADONNA, OMM IS-SALVATUR li għoġbu jagħżilha sabiex issir OMM IBNU.

Il-kompetizzjoni se tkun taħt forma ta' mistoqsijiet konnessi ma' din il-festa. Kull ma rridu minn għandkom hu li tirrispondu xi mistoqsijiet li huma:

1. X'kien jismu l-arkanġlu li Alla bagħat lil Marija sabiex jagħtiha l-aħbar li għażilha biex tkun Omm Alla?
2. Kif wieġbet Marija lill-qaddej tal-Mulej?
3. Meta ssir il-festa liturġika (il-ġurnata proprja) tat-THABBIRA TAL-MULEJ?
4. Iktbu isem ir-raħal taż-żewġ parroċċi f'Malta li t-titular tagħhom hu T-THABBIRA TAL-MULEJ (L-ANNUNZJATA).

Bħas-soltu ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelope magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-Letter Box ta' l-istess Każin. Għandkom żmien sas-Sibt 11 t'Awwissu.

IR-RIŻULTAT TAL-KOMPETIZZJONI TA' L-AĦĦAR DARBA

Il-kliem kellhom ikunu hekk: NISTA, RAZZA, TAZZA, SANTA, MARIO, TISMA, SAMRA, NARMA, NAMRA, ARTNA, MORNA, MAZZA, RIZZA, SIRNA, SMINA, JARMI, SATRA, SINNA, RAJNA, TAJRA, NITMA, RATNA, NINSA, MOSTA, STANA, SOMMA, MINSI, JINSA, STONA, INTOM, MONTI, MARTI, MANNA.

Din id-darba kien hemm numru mhux ħażin ta' kompetituri li kellhom riżultat tajjeb; għalhekk tellajna x-xorti li waqgħet fuq: LUCIANO MICALLEF ta' 7, MAIN STREET, BALZAN. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.